MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 237/2008

**Mario Napoli et**

**Vs**

**Saviour Catania et**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi fejn wara illi ppremettew:

Illi r-rikorrenti huma kredituri ta’ l-intimati fis-somma ta’ tlettax-il elf, disa’ mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) ekwivalenti ghal sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) rapprezentanti f’depositu mhallas mir-rikorrenti lill-intimati fuq konvenju fl-Atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon datat l-ghoxrin (20) ta’ Dicembru tas-sena

elfejn u sitta (2006), liema konvenju ma ghadux vigenti bejn il-partijiet;

Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu d-debitu taghhom u ghalkemm l-intimati jammettu li ghandhom jaghtu din is-somma lir-rikorrenti, huma baqghu inadempjenti, kif evidenzjat mill-Ittra Ufficjali datat l-hdax (11) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Illi r-rikorrenti sabiex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom, talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-hrug ta’ mandat ta’ inibzzjoni bin-numru 262/2008 kontra l-intimati liema mandat gie milqugh.

Illi nonostante dan u ghalkemm l-intimati regghu ghal darb’ohra ammettew li s-somma hija dovuta xorta wahda baqghu ma hallsux l-istess somma lir-rikorrenti u b’hekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-imsemmi kreditu tar-rikorrenti huwa cert, likwidu u ezigwibbli u, sa fejn jafu l-istess rikorrenti, l-intimati m’ghandhom ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta’ din is-somma;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta’ l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Taghti sentenza u tilqa’ t-talba tar-rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
2. Hekk tikkundanna minnufih lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-soma ta’ tlettax-il elf, disgha mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€ 13,976.24) ekwivalenti ghal sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) dovuta kif intqal aktar ‘il fuq.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-11 ta' Dicembru, 2007 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, bl-ispejjez ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 262/2008, bl-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi.

Rat illi l-konvenuti ammettew t-talba kif korretta b'digriet tallum stess.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba kif korretta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi kif korretta bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------